# Is-Sillabi tal-Istudji Soċjali għall-Primarja
# Settembru 2014 –
# ID-DAĦLA, IL-LINJI TA' ŻVILUPP, IS-SILLABI FIL-QOSOR



## Id-Daħla:

Permezz ta' dawn is-sillabi li ser jidħlu fis-seħħ mis-sena skolastika 2014-15, qegħdin inħeġġu lill-għalliema biex fl-Istudji Soċjali, ma jibbażawx il-metodoloġiji tagħhom iktar fuq il-lezzjonijiet formali fejn kienet tingħata l-iktar, sempliċi informazzjoni dwar fatti, imma nimxu b'mod iktar konkret lejn il-metodoloġija tar-riċerka u tal-*fieldwork*.



X'qed nifhmu bil-kelma RIĊERKA? Nieħdu xi eżempji:

- intervisti ma' diversi persuni li jistgħu jgħinuna biex niskopru, nesploraw, u nsiru nafu iktar
- tiftix permezz tal-internet
- immorru 'fuq il-post' li qed nitgħallmu dwaru, biex nosservaw, nieħdu n-noti u r-ritratti, eċċ..

Dawn il-metodi għandhom jiġġeneraw fit-tfal tagħna aktar entużjażmu għat-tagħlim, jistimulaw iżjed il-ħsieb, u jgħinuna fil-kisba ta' ħiliet u kompetenzi ogħla fil-mod kif naħsbu u nġibu ruħna fil-ħajja ta' kuljum.

Tony Pace
Uffiċjal Edukattiv għall-iskejjel primarji
Mejju 2014



niżżel il-*handbook* minn: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/schoolnet/ns/social-studies-primary-handbook.pdf

# IL-LINJI TA' ŻVILUPP (*strands of learning*)



**X'inhi LINJA TA' ŻVILUPP** (*strand of learning*) tirrappreżenta sett ta' miri li l-istudenti jistgħu jilħqu matul l-esperjenza edukattiva tagħhom fil-Primarja u s-Sekondarja. Kull suġġett għandu numru ta' Linji ta' Żvilupp li jibdew mill-Ewwel Sena tal-Primarja u jaslu sal-Ħames Sena tas-Sekondarja. Għalhekk dawn id-dokumenti nħadmu b'kollaborazzjoni mal-uffiċjali edukattivi tal-Istudji Soċjali, tal-Ġeografija u l-Istorja għas-sekondarja.



## Il-Linji ta' Żvilupp (*Strands of Learning*) għaċ-Ċivika

- **IL-POPLU U L-KULTURA** – *studju tal-interazzjoni bejn gruppi u istituzzjonijiet; naraw kif jiffurmaw ruħhom l-istituzzjonijiet, x'jikkontrollahom u x'jinfluwenzahom; naraw ukoll kif huma (l-istituzzjonijiet) jikkontrollaw u jinfluwenzaw lill-individwu u lill-kultura li aħna mdawrin biha; kif-istituzzjonijiet jistgħu jinbidlu u/jew jissaħħew. Kif l-istituzzjonijiet jaffettwaw il-ħajja tal-istudent u l-mod ta' ħsieb tiegħu. Nistudjaw dwar il-kultura li taffettwa t-twemmin, il-valuri, l-istituzzjonijiet, l-imġiba, it-tradizzjonijiet u l-istili ta' ħajja li għaddewlna missirijietna. Nagħtu ħarsa wkoll lejn il-lingwa, il-letteratura u l-mużika.*

- **DRITTIJIET U DMIRIJIET** – *Nifhmu x'inhuma d-drittijiet, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet li għandna. Nesploraw għaliex jeżisti u kif jaħdem gvern; naraw kif il-gvern iwassal għall-għaqda fid-diversità bejn iċ-ċittadini. Il-kunflitti u kif nistgħu nsolvuhom, is-sens ta' ġustizzja, l-ordni f'ħajjitna, ir-relazzjonijiet mal-oħrajn.*

- **L-INTRAPRIŻA, L-INDUSTRIJA U X-XOGĦOL** – *il-prodotti li nikkunsmaw u s-servizzi: il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum; id-differenza bejn dak li nixtiequ (wants) u l-bżonnijiet tagħna (needs); nesploraw ir-riżorsi prinċipali, l-industriji u l-iżvilupp ekonomiku tal-komunitajiet (lokali, nazzjonali u globali). Naraw kif naqilgħu l-għajxien tagħna permezz tax-xogħol. Ir-rwoli differenti ta' gvernijiet differenti fl-iżvilupp ekonomiku.*



niżżel il-*handbook* minn: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/schoolnet/ns/social-studies-primary-handbook.pdf

## Il-Linji ta' Żvilupp (*strands of learning*) għall-ĠEOGRAFIJA

- **L-AMBJENT**: *ħarsa lejn l-ambjent ta' madwarna, kemm dak uman kif ukoll dak naturali. Nosservaw popli diversi li jgħixu f'ambjenti differenti, l-attivitajiet tagħhom u l-pajsaġġi li dawn il-popli huma mdawrin bihom. Naraw kif it-temp u l-klima jvarjaw minn reġjun għal ieħor u kif l-istess temp u klima jaffettwaw il-ħajja tal-bniedem u l-ambjent li jgħix fih. Dan kollu jġib tibdil u żvilupp fir-reġjuni li l-bniedem jagħżel biex jgħix fihom. Ninvestigaw xejriet u firxiet tal-popolazzjoni.*

- **IMMANIĠĠJAR TA' RIŻORSI, KONSERVAZZJONI U ŻVILUPP SOSTENIBBLI** – *l-istudent irawwem fih attitudnijiet pożittivi u mħabba għall-ambjent ta' madwaru; jakkwista sens ta' responsabbiltà biex ikun jista' jikkonserva u jsaħħaħ dan l-istess ambjent għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Nesploraw x'miżuri nistgħu nieħdu favur l-ambjent fuq livelli lokali, nazzjonali u globali.*

## Il-Linji ta' Żvilupp (*strands of learning*) għall-ISTORJA

- **L-avvenimenti, in-nies u r-reġjuni tal-passat**; *il-ġrajjiet li jiffurmaw l-istorja, in-nies li kienu protagonisti u r-reġjuni li fihom ġraw il-ġrajjiet; nifhmu terminoloġija storika.*

- **Nakkwistaw ħiliet fil-kunċetti storiċi:** *il-kunċetti taż-żmien, tas-sekwenza, u tal-kronoloġija; il-bidla u l-kontinwità, il-kawża u l-konsegwenza, similaritajiet u differenzi, nifhmu x'inhu sinifikanti fl-istorja. Permezz ta' dawn il-ħiliet bażiċi fl-Istorja, l-istudenti jkollhom l-opportunità li jorganizzaw l-għerf miksub u l-ħsibijiet tagħhom; jitgħallmu jagħmlu ġeneralizzazzjonijiet, jiskopru similaritajiet u differenzi, u jsibu konnessjonijiet.*

- **Inrawmu ħiliet storiċi**: *l-iżvilupp tal-ħila tal-empatija, il-ħila li tħares lejn il-ġrajjiet storiċi mill-perspettiva tal-persuni li għexu fil-passat, bil-għan li naslu għal interpretazzjoni tal-motivazzjoni fl-istorja, ir-rikostruzzjoni ta' attitudnijiet u twemmin fil-passat, u l-fehma tal-azzjonijiet u l-prattiċi. Ħila li tuża sorsi primarji u sekondarji, il-kritika bbażata fuq l-evidenza li tinkludi li tpoġġiha f'kuntest, il-ħila li tanalizzaha, tagħraf il-preġudizzju, inkonsistenzi, għarfien tad-differenza bejn il-fatt u l-opinjoni, l-iżvilupp tal-ipoteżi meta tanalizza l-evidenza, il-ħila li tasal għall-konklużjonijiet ibbażati fuqha u fuq interpretazzjonijiet bilanċjati.*

---

Ħajr lill-Uffiċjali Edukattivi: George Said Zammit (Studji Soċjali), Edward Gilson (Ġeografija) u George Calleja (Storja)

# is-sillabi fil-qosor

## L-Ewwel Sena



| **Ċivika (Ċ), Ġeografija (Ġ) u Storja (S)** | |
|---|---|
| Aħdem il-blokki kollha | • **Ċ1.1** (*Id-Dar u l-Iskola*) li tinkludi Ċ1.1.1, Ċ1.1.2, Ċ1.1.3, Ċ1.1.4, Ċ1.1.5<br>• **Ġ1.1** (*L-Ambjent Madwar l-Iskola*) li tinkludi: Ġ1.1.1, Ġ1.1.2, Ġ1.1.3, Ġ1.1.4, Ġ1.1.5<br>• **S1.1** (*Jien u l-Persuni Qrib Tiegħi*) li tinkludi S1.1.1, S1.1.2, S1.1.3, S1.1.4, S1.1.5 |

## It-Tieni Sena

| **Ċivika (Ċ), Ġeografija (Ġ) u Storja (S)** | |
|---|---|
| Aħdem il-blokki kollha | • **Ċ2.1** (*Madwarna*) li tinkludi Ċ2.1.1, Ċ2.1.2, Ċ2.1.3, Ċ2.1.4, Ċ2.1.5<br>• **Ġ2.1** (*Nesploraw il-Lokalità Fejn Ngħixu*) li tinkludi: Ġ2.1.1, Ġ2.1.2, Ġ2.1.3, Ġ2.1.4, Ġ2.1.5<br>• **S2.1** (*Ejja Nilagħbu*) li tinkludi S2.1.1, S2.1.2, S2.1.3, S2.1.4, S2.1.5 |

# It-Tielet Sena

**Pjan ta' ħidma:**

| **sa nofs is-sena** | | |
|---|---|---|
| ***elective*** | Agħżel tliet blokki minn Ċ3.2, Ċ3.3, Ġ3.2, Ġ3.3, S3.2, S3.3 biex jinħadmu sa nofs is-sena | • **Ċ3.2** (*L-Iskola Tagħna*) li tinkludi Ċ3.2.1, Ċ3.2.2, Ċ3.2.3, Ċ3.2.4, Ċ3.2.5<br>• **Ċ3.3** (*Il-Bżonnijiet Tagħna*) li tinkludi: Ċ3.3.1, Ċ3.3.2, Ċ3.3.3, Ċ3.3.4, Ċ3.3.5<br>• **Ġ3.2** (*Naħdmu u Nilagħbu fis-Sigurtà*) li tinkludi Ġ3.2.1, Ġ3.2.2, Ġ3.2.3, Ġ3.2.4, Ġ3.2.5<br>• **Ġ3.3** (*Inħarsu l-Ambjent ta' Madwarna*) li tinkludi: Ġ3.3.1, Ġ3.3.2, Ġ3.3.3, Ġ3.3.4, Ġ3.3.5<br>• **S3.2** (*Il-Ħwejjeġ*) S3.2.1, S3.2.2, S3.2.3, S3.2.4, S3.2.5<br>• **S3.3** (*Il-Ħwienet – Dari u Llum*) li tinkludi: S3.3.1, S3.3.2, S3.3.3, S3.3.4, S3.3.5 |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *FIELDWORK MADWAR L-ISKOLA TAGĦNA* – l-istudenti jagħmlu fieldwork madwar l-iskola u jirrekordjaw l-osservazzjonijiet tagħhom; il-*work directives* (*fieldwork notes*) jiġu pprovduti mis-CMD. | |

| **sal-aħħar tas-sena** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***core*** | Dawn il-blokki għandhom isiru minn kulħadd sal-aħħar tas-sena | **Ċ3.1** (*Il-Ħbieb Tagħna*) Ċ3.1.1, Ċ3.1.2, Ċ3.1.3, Ċ3.1.4, Ċ3.1.5, | **Ġ3.1** (*Inżuru l-Kampanja*) Ġ3.1.1, Ġ3.1.2, Ġ3.1.3, Ġ3.14, Ġ3.1.5 | **S3.1** (*Nivvjaġġaw Madwar il-Gżejjer Maltin*) S3.1.1, S3.1.2, S3.1.3, S3.1.4, S3.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi **(jew)**<br>(b) fieldwork bit-tema: *INŻURU L-KAMPANJA – MAWRA SA RISERVA NATURALI* (għażla ta' sit wieħed minn: Is-Simar, L-Għadira, jew Wied il-Lunzjata). Il-*work directives* jitniżżlu minn fuq il-websajt. | | | |

**RIŻORSI** – ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY

# ir-Raba' Sena Primarja

**Pjan ta' ħidma:**

## sa nofs is-sena

| | | |
|---|---|---|
| ***elective*** | Agħżel TLIET (3) blokki; l-assessjar ta' nofs is-sena jkun ibbażat fuq dawn it-tliet blokki biss, u jkun minn 80 marka | • **Ċ4.2** (*Il-Ħajja fil-Belt jew Raħal*) Ċ4.2.1, Ċ4.2.2, Ċ4.2.3, Ċ4.2.4, Ċ4.2.5<br>• **Ċ4.3** (*Ix-Xogħol*) li tinkludi: Ċ4.3.1, Ċ4.3.2, Ċ4.3.3, Ċ4.3.4, Ċ4.3.5<br>• **Ġ4.2** (*It-Temp*) li tinkludi Ġ4.2.1, Ġ4.2.2, Ġ4.2.3, Ġ4.2.4, Ġ4.2.5<br>• **Ġ4.3** (*Tibdil Skont l-Istaġuni*) li tinkludi: Ġ4.3.1, Ġ4.3.2, Ġ4.3.3, Ġ4.3.4, Ġ4.3.5<br>• **S4.2** (*Il-Ħrejjef, Il-Leġġendi u l-Istorja*) S4.2.1, S4.2.2, S4.2.3, S4.2.4, S4.2.5<br>• **S4.3** (*Iċ-Ċelebrazzjonijiet u l-Ħin Liberu*) li tinkludi: S4.3.1, S4.3.2, S4.3.3, S4.3.4, S4.3.5 |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *FIELDWORK MADWAR IL-BELT JEW RAĦAL FEJN NOQGĦOD* – il-*work directives* (*fieldwork notes*) jiġu pprovduti mis-CMD; il-*fieldwork* jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka; il-marka tidher fuq ir-rapport ta' nofs is-sena. | |

## sal-aħħar tas-sena (għall-annwal)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***core*** | L-eżami annwali jkun ibbażat fuq dawn it-TLIET (3) blokki **CORE** biss, u jkun minn 80 marka | **Ċ4.1** (*Nies Li Jgħinuna*) li tinkludi: Ċ4.1.1, Ċ4.1.2, Ċ4.1.3, Ċ4.1.4, Ċ4.1.5 | **Ġ4.1** (*Il-Gżejjer Maltin*) Ġ4.1.1, Ġ4.1.2, Ġ4.1.3, Ġ4.14 | **S4.1** (*Personaġġi Maltin*) S4.1.1, S4.1.2, S4.1.3, S4.1.4, S4.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi (**jew**)<br>(b) fieldwork dwar *INFITTXU T-TIFKIRIET TAL-PERSONAĠĠI MALTIN FIL-BELT U L-FURJANA.*<br>Il-proġett jew it-tieni fieldwork jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher fuq ir-rapport annwali | | | |

**RIŻORSI –** ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY

# il-Ħames Sena Primarja

## Pjan ta' ħidma:

| sa nofs is-sena | | |
|---|---|---|
| ***elective*** | Agħżel TLIET (3) blokki minn Ċ5.2, Ċ5.3, Ġ5.2, Ġ5.3, S5.2, S5.3. **(**L-assessjar ta' nofs is-sena jkun ibbażat fuq it-tliet blokki magħżula biss, u jkun minn 80 marka**)** | • **Ċ5.2** (*Ġimgħa fil-Ħajja Tiegħi*) li tinkludi: Ċ5.2.1, Ċ5.2.2, Ċ5.2.3, Ċ5.2.4 u Ċ5.2.5<br>• **Ċ5.3** (*Ejjew Nilagħbu*) li tinkludi: Ċ5.3.1, Ċ5.3.2, Ċ5.3.3, Ċ5.3.4, Ċ5.3.5<br>• **Ġ5.2** (*Ninvestigaw Pajjiż Barrani*) li tinkludi: Ġ5.2.1, Ġ5.2.2, Ġ5.2.3, Ġ5.2.4, Ġ5.2.5<br>• **Ġ5.3** (*Is-sajd u l-Akkwakultura*) li tinkludi: Ġ5.3.1, Ġ5.3.2, Ġ5.3.3, Ġ5.3.4, Ġ5.3.5, Ġ5.3.6<br>• **S5.2** (*Mit-Tempji Preistoriċi għall-Katidrali*) S5.2.1, S5.2.2, S5.2.3, S5.2.4, S5.2.5<br>• **S5.3** (*Mill-Għerien għall-Iskyscrapers*) li tinkludi: S5.3.1, S5.3.2, S5.3.3, S5.3.4 |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *ŻJARA F'RAĦAL TAS-SAJJIEDA b'referenza għat-Turiżmu* – il-*work directives* (*fieldwork notes*) jiġu pprovduti mis-CMD; il-*fieldwork* jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka; il-marka tidher fuq ir-rapport ta' nofs is-sena. | |

| sal-aħħar tas-sena (għall-annwal) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***core*** | L-eżami annwali jkun ibbażat fuq il-blokki **CORE**, u jkun minn 80 marka | **Ċ5.1** (*Niċċelebraw*) Ċ5.1.1, Ċ5.1.2, Ċ5.1.3, Ċ5.1.4, Ċ5.1.5 | **Ġ5.1** (*It-Turiżmu u x-Xogħol*) Ġ5.1.1, Ġ5.1.2, Ġ5.1.3, Ġ5.1.4 | **S5.1** (*Il-Bliet il-Qodma*) li tinkludi S5.1.1, S5.1.2, S5.1.3, S5.1.4, S5.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi **( jew)**<br>(b) fieldwork ieħor dwar *ŻJARA L-IMDINA, IL-BIRGU jew IĊ-ĊITTADELLA*<br>Il-proġett jew it-tieni fieldwork jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher fuq ir-rapport annwali | | | |

**RIŻORSI –** ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY

# is-Sitt Sena Primarja

**Pjan ta' ħidma:**

## sa nofs is-sena

| | | |
|---|---|---|
| ***elective*** | Agħżel TLIET (3) blokki minn Ċ6.2, Ċ6.3, Ġ6.2, Ġ6.3, S6.2, S6.3, S6.4 **(**L-assessjar ta' nofs is-sena jkun ibbażat fuq it-tliet blokki magħżula biss, u jkun minn 80 marka**)** | • **Ċ6.2** (*Ngħinu lil Xulxin*) li tinkludi Ċ6.2.1, Ċ6.2.2, Ċ6.2.3, Ċ6.2.4, Ċ6.2.5<br>• **Ċ6.3** (*Immorru Nixtru*) li tinkludi: Ċ6.3.1, Ċ6.3.2, Ċ6.3.3, Ċ6.3.4, Ċ6.3.5<br>• **Ġ6.2** (*Il-Ġeografija mill-Aħbarijiet*) Ġ6.2.1, Ġ6.2.2, Ġ6.2.3, Ġ6.2.4, Ġ6.2.5<br>• **Ġ6.3** (*Nimmaniġġjaw l-Iskart*) li tinkludi: Ġ6.3.1, Ġ6.3.2, Ġ6.3.3, Ġ6.3.4, Ġ6.3.5<br>• **S6.2** (*Meta Missirijietna Ġew Attakkati* **1** *– L-Assedju l-Kbir*) S6.2.1, S6.2.2, S6.2.3, S6.2.4, S6.2.5,<br>• **S6.3** (*Meta Missirijietna Ġew Attakkati* **2** *– It-Tieni Gwerra*) S6.3.1, S6.3.2, S6.3.3, S6.3.4, S6.3.5,<br>• **S6.4** (*Belt Kapitali Ġdida Għal Malta*) li tinkludi: S6.4.1, S6.4.2, S6.4.3, S6.4.4, S6.4.5 |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *ŻJARA FIL-BELT VALLETTA –* il-*work directives* (*fieldwork notes*) jiġu pprovduti mis-CMD; il-*fieldwork* jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka; il-marka tidher fuq ir-rapport ta' nofs is-sena | |

## sal-aħħar tas-sena (għall-annwal)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***core*** | L-eżami annwali jkun ibbażat fuq it-tliet blokki **CORE** biss, u jkun minn 80 marka | **Ċ6.1** (*Ngħixu Flimkien*) Ċ6.1.1, Ċ6.1.2, Ċ6.1.3, Ċ6.1.4, Ċ6.1.5 | **Ġ6.1** (*Madwar il-Baħar Mediterran*) li tinkludi Ġ6.1.1, Ġ6.1.2, Ġ6.1.3, Ġ6.14, Ġ6.1.5 | **S6.1** (*Qabel il-Kitba*) S6.1.1, S6.1.2, S6.1.3, S6.1.4, S6.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi **(jew)**<br>(b) fieldwork dwar *ŻJARA F'SIT PREISTORIKU*<br>Il-proġett jew it-tieni fieldwork jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher fuq ir-rapport annwali. | | | |

**RIŻORSI** – ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY